MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 211/2009

**A B bhala kuratrici ad litem ta' uliedha C D B u E D B b'digriet tas-7 ta' Awissu 2009**

**-vs-**

**F G**
**H D**
**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal kull interess li jista' jkollu**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B bhala kuratrici ad litem ta' uliedha C D B u E D B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-attrici welldet fit-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena 2001 u fit-tlettax (13) ta' April 2009 zewgt itfal minuri bl-isem ta' C D B u E D B u dan kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid

numru 3745 ta’ l-2001 u 1713 ta’ l-2009 hawn annessi u mmarkati bhala Dok. A u Dok. B.

Illi mill-att tat-twelid ta’ dawn iz-zewg minuri jirrizulta illi l-attrici A B hija omm dawn iz-zewgt itfal minuri u illi fil-kolonna intestata “Isem u Kunjom Missier it-Tarbija” il-konvenut H D gie registrat bhala missier iz-zewgt itfal minuri (vide Dok. A u Dok. B).

Illi l-attrici A B u l-konvenut H D zzewgu f’Malta, f’Valletta fl-20 ta’ Ottubru 1999, dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg numru 1919 ta’ l-1999 hawn anness u mmarkat Dok. C.

Illi, ghalkemm fil-mument tat-twelid u tal-koncepiment taz-zewg minuri, l-attrici A B u l-konvenut H D kienu mizzewgin pero’ l-istess attrici sa mill-bidu tas-sena elfejn (2000) qatt ma kienet tghix ma’ zewgha l-konvenut H D.

Illi sa mill-bidu tas-sena 2000 l-attrici kellha relazzjonijiet intimi ma’ F G biss.

Illi fil-perjodu relevanti meta gew koncepiti z-zewgt itfal minuri kien hemm l-impossibilita’ fizika li z-zewg minuri setghu gew konceputi mill-konvenut H D peress illi l-konvenut H D qatt ma kkoabita ma’ martu A B bejn it-tliet mija u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid taz-zewg trabi peress li fl-imsemmi zmien, l-attrici u l-konvenut H D qatt ma kienu jikkoabitaw flimkien.

Illi l-attrici A B kellha relazzjonijiet biss ma’ F G u hadd aktar.

Illi ghalkemm fic-certifikati tat-twelid imsemmija gie dikjarat illi missier iz-zewgt itfal minuri kien il-konvenut H D, fil-fatt iz-zewgt itfal minuri gew koncepiti fil-kors ta’ relazzjoni extra-matrimonjali li l-attrici kellha mal-konvenut F G.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet fuq premessi l-konvenut H D mhux il-missier naturali taz-zewgt itfal minuri C u E.

Illi l-missier naturali ta' dawn iz-zewgt itfal minuri huwa l-konvenut F G.

Illi ghaldaqstant, iz-zewgt itfal minuri m'ghandhomx stat konformi ma' l-att tat-twelid taghha kif fuq imsemmi.

Illi l-attrici ghandha interess illi tigi dikjarata l-paternita' ta' uliedha C u E.

Illi l-paternita' ta' C u E tista' tigi stabbilita permezz ta' testijiet genetici appoziti.

Ghaldaqstant, jghidu l-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara illi l-konvenut F G huwa l-missier naturali ta' C u E u mhux il-konvenut l-iehor H D;

Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid ta' C (Att Numru 3745 ta' l-2001) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier it-tifel jigi kkancellat l-isem "H D" u jigi sostitwit bl-isem "F G" u tordna ukoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument ta' l-identita', ghall-eta', ghall-post tat-twelid u ta' residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier it-tifel, jigu korretti konsegwentement billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolaritajiet u cioe' taht il-kolonna dokument ta' l-identita' "*ommissis (k.i. nru)",* taht il-kolonna eta' "44", taht il-kolonna post tat-twelid "Pieta' Malta", taht il-kolonna post ta' residenza "Qormi" u taht il-kolonna isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet "I G (Mejjet)".

Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid ta' E (Att Numru 1713 ta' l-2009) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier it-tifel jigi kkancellat l-isem "H D" u jigi sostitwit bl-isem "F G" u tordna ukoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument ta' l-identita', ghall-eta', ghall-post tat-twelid u ta' residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier it-tifel, jigu korretti konsegwentement billi jigu sostitwiti

b’dawk il-partikolaritajiet u cioe’ taht il-kolonna dokument ta’ l-identita’ “*ommissis (k.i. nru)”,* taht il-kolonna eta’ “51”, taht il-kolonna post tat-twelid “Pieta’ Malta”, taht il-kolonna post ta’ residenza “Qormi” u taht il-kolonna isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet “I G (Mejjet)”.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, H D ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.

Rat in-nota tal-intimat F G li biha ammetta t-talbiet attrici.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Publliku fejn dan eccepixxa:

Illi in linea preliminari jigi eccepit li r-rikorrenti A B fil-vesti taghha bhala omm m’ghandhiex il-jedd skont il-ligi li titlob li jigi deciz u ddikjarat li l-minuri C D B u E D B huma l-wild naturali tal-konvenut F G. Semmai kulma tista’ tezercita f’dan il-kuntest huwa d-dritt li tattakka l-filjazzjoni ta’ binha, billi titlob li jigi deciz u ddikjarat li uliedha C D B u E D B m’humiex il-wild naturali ta’ zewgha H D u dan fil-parametri ristretti tal-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi bla hsara ghall-premess talanqas mill-atti li gew notifikati mill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega li permezz taghha A B giet mahtura bhala kuratrici ad litem tal-minuri C D B u E D B skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Maghdud ma’ dan irrispettivament mill-prezenza o meno tal-imsemmija awtorizzazzjoni, hija l-umili fehma tal-esponent li sabiex jigu accertati li l-interessi tal-minuri C D B u E D B jipprevalu u ma jkunx hemm riskju li l-interessi personali ta’ Aauida B jiehdu post dawk tal-minuri huwa vitali li l-minuri jkunu rapprezentati minn persuna indipendenti mill-kwistjonijiet interni li jistghu jezistu bejn il-partijiet kontendenti li huma partecipi f’dawn il-proceduri;

Illi dwar il-mertu tal-kawza, l-esponent naturalment m’huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi

processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

Illi madanakollu salv ghall-premess, biex tirnexxi din l-azzjoni, ir-rikorrenti jridu jipprovaw li l-intimat H D fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid taz-zewg minuri rispettivi, kien fl-impossibilita’ fizika li jghammar ma’ martu A B minhabba li kien boghod minnha ai termini tal-Artikolu 77 tal- Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi fl-istess waqt irid jigi pprovat ukoll li l-pussess ta’ stat tal-minuri C D B u E D B ma jaqbilx ma’ l-istat li jaghtihom l-Att tat-Twelid korrispettiv taghhom a tenur tal-Artikolu 81 (1) u (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi subordinatament bla hsara ghal dak fuq espost, f’kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet ‘<u>the said</u>’ li jinsabu qabel l-isem H D, senjatament taht il-kolonna u  fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati miz-zewg Atti tat-Twelid de quo. Inoltre, ir-rikorrenti jridu jaghzlu liema kunjom ha jzommu;

Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti m’hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir ta’ l-esponent u ghalhekk huwa m’ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Dicembru 2009, fejn  id-Direttur tar-Registru Pubbliku rtira t-tieni eccezzjoni tieghu.

Rat il-verbal tat-13 ta’ April 2010, li permezz tieghu, id-Direttur tar-Registru Pubbliku rtira ukoll l-ewwel eccezzjoni tieghu.

Rat li l-ittra tal-Agent Direttur tas-Servizzi Korrettivi fejn dan elenka d-dati kollha li matulhom l-intimat D kien detenut fil-Facilita' Korrettiva.

Rat l-affidavit ta' Dr. Marisa Cassar li kkonfermat l-ezamijiet xjentifici esegwiti minnha u li rrizulta minnhom illi C D B u E D B huma ulied naturali ta' F G.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta illi l-fatti kif elenkati mill-attrici nomine gew pruvati bla dubbju u ghalhekk **il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' l-ewwel talba.

Tilqa' t-tieni talba u t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jeffettwa t-tibdil mehtieg fl-atti tat-twelid Nru. 3745 tal-2001 u 1713 tal-2009 kif elenkati fl-istess rikors promotur biz-zieda illi l-kliem 'the said' ghandhom fiz-zewg kazijiet jithassru mill-konnotati tal-omm.

L-ispejjez jithallsu mill-attrici nomine.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------